MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2006

Numru. 1034/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Stephen Mallia)**

**vs**

**Alfred Caruana ta’ 50 sena, iben Edgar u Carmen nee Cutajar, imwieled Rahal Gdid fit-12 ta’ Settembru, 1953, li joqghod fil-fond Nru. 64, Triq De Hosa, Santa Lucia, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 673653 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Alfred Caruana li gie akkuzat talli f’Novembru, 2001 u fix-xhur u snin ta’ qabel, f’dawn il-gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih inifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument

mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi ffalsifika n-numru tal-makna tal-vettura tal-marka Austin Mini bin-numru ta’ registrazzjoni IAH-546 billi wahhal pjanca bin-numru 99H702EH43468 li jappartjeni magna differenti, fuq magna bin-numru originali 3138194MP, ai termini tal-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal pjanca fuq il-magna ta’ vettura tal-ghamla Austin Mini bin-numru tar-registrazzjoni IAH-546, liema pjanca ggib in-numru 99H702EH43468 li jappartjeni magna differenti, fuq magna bin-numru originali 3138194MP ai termini tal-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta’ Malta.

U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr l-approvazzjoni miktuba bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita’ Dwar it-Trasport Pubbliku, ghamel, ordna jew gieghel l-eghmil ta’ xi tibdil fin-numru tal-makna tal-vettura tal-ghamla Austin Mini bin-numru ta’ registrazzjoni IAH-546 ai termini tal-artikolu 91 tar-Regolamenti tal-1994 Dwar il-Vetturi bil-Mutur (AL128/1994).

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal hekk u li hu fi stadju ta’ interrogatorju kien wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu. Rat pero’ li fi stadju aktar tard fil-kawza, wara li nghalqu l-provi tal-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-11/11/05 huwa rregistra u ppersista fl-istess ammissjoni.

Ikkonsidrat

Illi din il-kawza si tratta dwar fatt illi gie allegat li Alfred Caruana biddel numru tal-magna ta’ vettura Austin Mini, billi wahhal blokka ta’ magna ohra allura b’numru differenti, imbaghad b’rivets fuq pjanca wahhal fuqhom in-

numri tal-vettura originali. Din il-vettura inbieghet diversi drabi sakemmfl-ahhar spiccat ghand certu Karl Buhagiar.

Mix-xhieda kemm ta' Buhagiar kif ukoll ta' missieru u ex tfajla tieghu jirrizulta li meta nxtrat il-vettura kellha numru iehor, fil-fatt jaqbel ma' dak li kien hemm fil-log book. Pero' meta ttiehdet ghall-VRT dan in-numru li kien riveted lahaq waqa' u gie espost numru iehor fuq il-blokka.

Mill-istqarrija ta' l-akkuzat li kien l-owner originali, f'din l-istorja, ta' din il-vettura, dan in-numru skopert kien jappartjeni magna loose BMC minnu impurtata, u kien gie ppancjat fuq il-magna mill-Pulizija. Jghid l-istess akkuzat li hu kien maz-zmien zarma din il-magna BMC u uza l-komponenti taghha fuq il-vettura Austin Metro, aktar tard mixtrija minn Buhagiar.

Kif gia premess Alfred Caruana ammetta l-akkuzi lilu addebitati.

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti ma ghandha ebda raguni ghaliex ma taccettax ir-responsabilita' kriminali ta' l-imputat.

Illi pero' din il-Qorti tqis li tista' taccetta biss l-ammissjoni pprospettata taht l-ewwel reat cioe dak ta' l-artiklu 188 tal-Kapitlu 9. Certament htija taht dan l-artiklu teskludi htija taht l-artikolu 189 u dana minhabba d-dicitura ta' dan ta' l-ahhar. Infatti l-artiklu 189 jitkellem dwar htija b'uzu minn xi dokument iehor falsifika , "..mhux imsemmi fl-artikolu ta' qabel ta' dan it-titolu…" allura l-artikolu 188.

Fl-ahharnett tqis ukoll illi l-ahhar akkuza addebitata lil Alfred Caruana hija wahda kompriza u nvoluta fl-artikolu 188 tal-kapitlu 9.

Ghaldaqstant rat l-artiklu 188 li tieghu qed issibu hati wara li qieset l-ammissjoni tieghu, qieset li ghandu fedina penali ghal kollox netta, qeghda tikkundanna lil Alfred Caruana ghal multa ta' hames mitt lira Maltija (Lm 500) u dan anke wara li rat l-artikolu 11 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijieta ta' Malta.

Rat l-artiklu 14 tal-Kapitlu 9 u qeghda takkorda illi l-multa tithallas b'rati mensili ta' Lm 50 (hamsin lira) . Spjegat lilu l-import ta' l-artiklu 14 tal-Kapitlu 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------